REĠJUN TRAMUNTANA

112, Triq Ġulju, Bugibba,
San Pawl il-Baħar SPB 2617

**Laqgħa Reġjonali Nru. 21 ta' 2025, miżmuma nhar il-Ħamis, 29 ta' Mejju 2025, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta' Reġjun Tramuntana.**

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • Angelo Micallef | Balzan | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr | Membru |
| • Christopher Deguara | Naxxar | Membru |
| • Ċensu Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Gabriel Micallef | Mellieħa | Membru |
| • Dale Hayman | Imtarfa | Membru |
| • Aiken Zerafa | Mosta | Delegat |
| • Norbert Dalli | San Ġwann | Delegat |

| | |
|---|---|
| • Bjorn Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Stefan Cordina | Ħ'Attard | Membru |

# AĠENDA

1. Ittri ta' Apoloġija
2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru. 20
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President
4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera
5. Aġġornamenti u diskussjoni;
   - 5.1 Aġġornament rigward il-fond Reġjonali – RT 001/2025
   - 5.2 Proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea – Second Life for Waste (SL4W)
   - 5.3 Aġġornament – Postijiet ta’ impjieg fl-uffiċju amministrattiv ta’ Reġjun Tramuntana
   - 5.4 Aġġornament dwar is-Sitwazzjoni tal-Immaniġġjar tal-Iskart fir-Reġjun u Stqarrija Relatata
   - 5.5 Xiri ta’ Tagħmir u Materjal
   - 5.6 Talbiet ta’ kotba u pubblikazjonijiet
6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti
7. Aġġornament

---

Il-laqgħa nfetħet mill-President Clifford Galea fil-ħamsa u nofs (17.30) ta’ filgħaxija.

## 1. Ittri ta’ Apoloġija

Il-President Clifford Galea nforma li Is-Sindku Stefan Cordina jinsab indispost minħabba impenji oħra.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.20

Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa numru 20 hekk kif miktuba mis-Segretarju Eżekuttiv.

Fuq proponiment tas-Sindku Dr. Christopher Deguara, issekondat mill-Kunsillier Norbert Dalli, kien hemm qbil unanimu u l-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.

## 3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President

### 3.1 Aġġornament – Podcasts

Il-President informa li qed isiru arranġamenti ma’ Mr. John Mallia sabiex issir żjara fl-istudjo fejn se jiġu recorded tnax-il podcast, kull wieħed ta’ siegħa. Talab li jekk hemm xi suġġerimenti dwar temi li jixtiequ jiġu diskussi dawn jitresqu għall-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv sabiex ikun hemm l-involviment tal-membri kollha.

### 3.2 Aġġornament - European Week of the Regions and Cities 2025

Il-President irringrazzja lil kull min diġà ssottometta l-ismijiet tad-delegati li ser jieħdu sehem fil-European Week of Regions and Cities 2025.
S'issa jidher li Ħ'Attard u Ħal Balzan għandhom delegat wieħed kull wieħed. San Pawl il-Baħar għadhom ser jinfurmawna bl-ismijiet wara l-laqgħa tagħhom, filwaqt li n-Naxxar għadhom ma għaddew l-ebda isem s'issa. Bħalissa hemm 15-il membru kkonfermat li ser jattendi. Dr. Christopher Deguara informa li l-ismijiet tad-delegati li se jattendu ser jintbagħtu. Il-President informa wkoll li dawn l-ismijiet se jintbagħtu lill-uffiċċju ta' Roberta Metsola, flimkien ma' sommarju qasir dwar iż-żjara tagħna f'din il-konferenza.

### 3.3 Bye Laws

Wara verifika mal-Uffiċċju Legali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali rigward proposta ta' bye-law li tindirizza l-ilbies indeċenti fil-pubbliku, ġie kkonfermat li peress li dan is-suġġett diġà huwa regolat mil-liġi nazzjonali, ma tistax tinħareġ bye-law fuq l-istess materja.
Fid-dawl ta' dan, is-Segretarju Eżekuttiv qed iħeġġeġ lill-membri sabiex jipproponu l-istallazzjoni ta' tabelli ta' informazzjoni li jservu ta' gwida u tfakkira dwar dan is-suġġett fil-lokalitajiet rispettivi.
Hemm ukoll il-ħtieġa li ssir armonizzazzjoni tal-bye-laws relatati mal-ħamiem.

### 3.4 Fencing fil-Ġnien Olimpiku – San Pawl il-Baħar

Ir-Reġjun irċieva talba biex jiġi installat ċint fil-Ġnien Olimpiku fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar. Il-ġnien jinsab f'stat ta' abbandun parzjali u qed jiġi abbużat, speċjalment matul il-lejl.
Il-proposta tinkludi l-installazzjoni ta' ċint ta' għoli medju biż-żewġ gates, biex jinħoloq spazju sigur kemm għat-tfal kif ukoll għall-klieb. Is-Sindku, Perit Censu Galea, informa li l-Kunsill kien diġà rċieva talba simili fil-passat, iżda l-opportunità ta' finanzjament minn Project Green ma kinitx ġiet approvata. Għaldaqstant, jekk ir-Reġjun jista' jgħin f'dan il-proġett, ikun apprezzat. Ġie maqbul li hemm bżonn ta' fencing madwar dan il-ġnien.

**Fencing tal-Ġnien tas-Salina – Naxxar**

Wara l-attività ta' tħawwil li saret fiż-żona tas-Salina, ġie nnotat li ftit sigħat biss wara, il-ħamrija kienet diġà mniġġsa bil-ħmieġ tal-klieb.

Fid-dawl ta’ dan, ir-Reġjun qed jikkunsidra l-installazzjoni ta’ ċint madwar iż-żona, sabiex jiġi evitat li sidien il-klieb idaħħlu l-annimali tagħhom fil-ħamrija mingħajr ma jiġbru l-ħmieġ tagħhom wara.

**3.5 Suggeriment għall-Istazzjonar ta’ Ambulanza fl-Istazzjon tat-Tifi tan-Nar fix-Xemxija**

Ir-Reġjun ġie avviċinat mis-Surġent Mifsud bit-talba sabiex jiġu magħmula l-arranġamenti neċessarji biex ambulanza tkun stazzjonata fl-istazzjon tat-tifi tan-nar fix-Xemxija.
Il-membri qablu li r-Reġjun għandu jagħti l-appoġġ tiegħu f’din l-inizjattiva, peress li hija meħtieġa u ta’ benefiċċju għall-komunità.

**3.6 First Aid & AED Training Course**

Qed jiġi propost li jsir taħriġ ta’ First Aid u AED għall-membri tal-Kunsill u l-impjegati, sabiex dawn jiġu mgħammra b’ħiliet essenzjali f’sitwazzjonijiet ta’ emerġenza.
It-taħriġ se jsir matul il-ġurnata tax-xogħol u jkun maqsum f’3 sessjonijiet ta’ madwar 6 sigħat kull waħda, li se jitwettqu darba fil-ġimgħa, għal total ta’ 36 siegħa.
L-ispejjeż kollha, ta’ €55 kull persuna + VAT, se jkunu koperti mir-Reġjun Tramuntana. Madankollu, jekk xi rappreżentanti ma jattendux jew jikkanċellaw fl-aħħar mument, dawn se jiġu ċċarġjati tariffa ta’ kanċellazzjoni.
Fuq proponiment tas-Sindku Dale Hayman, issekondat mill-Kunsillier Aiken Zerafa, ġie maqbul li dan il-kors jiġi provdut.

**3.7 Aġġornament – Korsijiet ta’ taħriġ - Taħriġ għall-membri tal-Kunsill dwar ir-reklutaġġ**

Ġie propost li jsir kors ta’ taħriġ addizzjonali għall-membri tal-Kunsill, b’mod speċjali dawk maħtura fuq il-bord tal-intervisti.
Dan il-kors, imfassal apposta għal timijiet mingħajr appoġġ dirett tal-HR, jiffoka fuq il-proċess kollu tar-reklutaġġ – mill-identifikazzjoni tal-ħtieġa sal-onboarding tal-impjegat il-ġdid. L-enfasi ewlenija tkun fuq kif isiru intervisti strutturati, professjonali u bla preġudizzju.
Il-programm huwa interattiv u jista’ jiġi adattat skont il-ħtiġijiet tar-Reġjun. Għal grupp ta’ sa 15-il parteċipant, il-kors jinkludi żewġ sessjonijiet ta’ 3.5 sigħat kull waħda, bi spiża totali ta’ €1,300 + VAT.

Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu li dan it-taħriġ għandu jitwettaq, peress li huwa meħtieġ biex il-membri jkunu preparati tajjeb għall-proċess tal-intervisti u biex jiġu evitati sitwazzjonijiet mhux professjonali.

### 3.8 DofE - The Duke of Edinburgh's Award

Il-President informa li din il-proposta ġiet ippreżentata wkoll lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, li talbet id-dettalji tal-ispejjeż tal-membership relatati ma' din l-inizjattiva.
Għaldaqstant, is-suġġett se jiġi diskuss mill-ġdid ladarba tinġabar l-informazzjoni kollha meħtieġa.

### 3.9 Sigurtà fit-Toroq – Active Ageing Centres

Ir-Reġjun Tramuntana rċieva informazzjoni mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li bħalissa qed tikkollabora mal-Awtorità tat-Trasport fuq inizjattiva dwar is-sigurtà fit-toroq, b'enfasi partikolari fuq l-anzjani fil-komunitajiet. Il-kunsilli huma mħeġġa jinfurmawna jekk humiex interessati li jipprovdu postijiet jew swali fejn jistgħu jiġu organizzati sessjonijiet ta' informazzjoni jew attivitajiet relatati, speċjalment f'dawk il-lokalitajiet li m'għandhomx ċentri ta' Anzjanità Attiva jew li jixtiequ joffru servizzi lill-anzjani li mhumiex parti minn dawn iċ-ċentri.

### 3.10 Attività ta' Team Building u Tħawwil tas-Siġar

Il-President informa lill-membri li saret attività ta' team building bejn l-istaff tar-Reġjun u ħames studenti, kemm Maltin kif ukoll barranin, li kienu qed jagħmlu job placement ġewwa r-Reġjun. L-inizjattiva ta' tħawwil ta' siġar żgħar fil-lokalità tas-Salina kienet suċċess.
Nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Mejju, se jsir aktar tħawwil flimkien mal-Kunsill Lokali tan-Naxxar u studenti ta' RIGHTS (il-Kunsill tat-Tfal), fis-6:00 ta' filgħaxija fi Triq il-Gonna tal-Barbier, is-Salina. Ser tkun preżenti wkoll l-Eċċellenza Marie-Louise Coleiro Preca.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħeġġeġ li jkun hemm preżenza f'eventi tal-Kunsill tat-tfal. Madankollu, il-Viċi President Angelo Micallef oġġezzjona għal dan il-punt, fejn informa li f'waħda mill-attivitajiet organizzati mill-Kunsill tat-tfal, ma kienx hemm aġir professjonali min-naħa tal-ħaddiema.
Huwa spjega li kien indispost minħabba impenji oħra u li l-Kunsilliera responsabbli kienet informata tard ħafna. Dr.Micallef tenna li kien intqal li huwa ma riedx jattendi, meta fil-verità kellu impenji oħra. Barra minn hekk, informa li jekk sitwazzjonijiet bħal dawn jerġgħu jseħħu, ser jikkunsidra li jirtira totalment mill-Kunsill tat-tfal.

### 3.11 Night Safe – Bank of Valletta

Ir-Reġjun għandu proċess fejn il-flus kontanti jingħalqu darba kull tmiem tax-xahar, u dawn jiġu depożitati fil-bank konsegwentement. Peress li l-bank jinsab biss ftit metri 'l bogħod mill-uffiċċju, u l-ispiża tal-ġbir ta' dawn il-flus hija ta' madwar €30 għal kull darba, qed tiġi sottomessa applikazzjoni mal-bank sabiex jibda jintuża s-servizz tan-night safe għad-depożitu ta' dawn il-flus darba fix-xahar. Kien hemm qbil unanimu dwar din l-applikazzjoni.

### 3.12 Aġġornament -LESA Debtor List

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li, mal-ħatra tiegħu f'din il-kariga, ġie ppreżentat b'lista ta' debiti twila 14-il paġna. Ħafna minn dawn kienu relatati ma' spejjeż mhux rikonċiljati mill-LESA, fosthom ċitazzjonijiet u pagi relatati mat-Tribunal. Waqt l-eżerċizzju ta' verifika biex jiġu identifikati dawn l-oġġetti u kif/fejn tħallsu, instabu seba' ċekkijiet imħallsa mill-LESA iżda li qatt ma ġew depożitati fil-bank mir-Reġjun. Il-biċċa l-kbira ta' dawn iċ-ċekkijiet huma datati fl-2022.

Il-LESA kkonfermat li dawn iċ-ċekkijiet qatt ma ġew imsarrfin, u għaldaqstant reġgħu bagħtu t-transazzjonijiet b'valur ta' aktar minn €1,000. Għad fadal ftit xogħol ta' verifika mal-LESA, iżda l-proċess jinsab fi stadju avvanzat u riesaq lejn il-konklużjoni.

### 3.13 Aġġornament dwar l-Inventarju

Il-membrii ġew informati li qiegħed jiġi rivedut r-rapport tal-Fixed Assets tar-Reġjun, wara li ġie nnotat li hemm diversi għodod elenkati li mhumiex preżenti fil-garaxx tar-Reġjun. Se jsiru l-kjarifiki neċessarji dwar dawn l-oġġetti, li ħafna minnhom kienu jinvolvu nefqa sostanzjali għar-Reġjun. Ladarba ssir il-verifika, il-membri ser jiġu infurmati sabiex jittieħdu l-passi meħtieġa.

### 3.14 Municipal Waste Conference

Wara laqgħa online bejn is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sinjura Vanya Veras, ġie diskuss u miftiehem li l-konferenza ser issir f'Malta bejn id-9 u t-13 ta' Diċembru 2025.

Għal din il-konferenza se jkunu mistiedna rappreżentanti minn Municipal Waste Europe, kif ukoll mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL).Matul l-attività, fost diversi diskussjonijiet u talks minn esperti internazzjonali, ser tiġi esplorata l-possibbiltà li l-membri Maltin jingħaqdu ma' Municipal Waste Europe permezz tal-AKL, sabiex il-kumplament tar-Reġjuni jkunu jistgħu jibbenefikaw minn dan il-membership.

### 3.15 Aġġornament – Vjaġġi Edukattivi bid-Dgħajsa Madwar Filfla

Il-President informa lill-membri li, fid-dawl tal-attendenza u d-domanda pożittiva mis-sena li għaddiet, ir-Reġjun se jerġa' jorganizza tliet vjaġġi edukattivi bid-dgħajsa madwar Filfla, immirati għall-komunitajiet tal-Ageing Attiv fi ħdan ir-Reġjun.

L-ispiża għal kull parteċipant se tkun inqas minn €30, u tinkludi wkoll trasport lejn u minn Marsaxlokk. Id-dati tal-vjaġġi huma: il-Ġimgħa 4 ta' Lulju, il-Ħamis 17 ta' Lulju, u l-Ġimgħa 1 ta' Awwissu. Dawn id-dettalji diġà ġew komunikati lid-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva, u ġie kkonfermat li l-vjaġġ tal-1 ta' Awwissu huwa diġà mimli.

### 3.16 Aġġornament Deep Blue Green – Proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

Wara laqgħa li saret mal-partners Ewropej fi ħdan il-proġett, ġiet stabbilita data għal laqgħa online li ser issir it-Tnejn, 30 ta' Ġunju 2025, fil-11:00 ta' filgħodu F'din il-laqgħa ser jattendu l-partners barranin kif ukoll l-organizzazzjonijiet lokali li ser jieħdu sehem fil-proġett, fosthom il-Malta Federation of Bodybuilding and Fitness. Qed nistennew ukoll konferma minn organizzazzjonijiet oħra bħall-Anzjanità Attiva u Aġenzija Support.Ser tintbagħat calendar invite sabiex tkunu preżenti għal din il-laqgħa, li mistennija ddum madwar nofs siegħa, bħala introduzzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-pajjiżi l-oħra.

### 3.17 Aġġornament – Music Cities Convention - Arts council malta

L-applikazzjoni għall-Music Cities Convention ma ġietx aċċettata, u għaldaqstant l-opportunità ta' rappreżentazzjoni tal-President barra minn Malta f'Settembru li ġej mhux se ssir.

### 3.18 Proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea - CLUSTER-ATLAS4Med

Ir-Reġjun ġie mitlub minn programm tal-Unjoni Ewropea, li aħna parti minnu, sabiex tinġabar lista ta' SMEs (Small and Medium Enterprises) li għandhom rabta mas-setturi tal-agrikoltura u t-turiżmu.

Fid-dawl ta' dan, il-membri ġew mitluba jipprovdu lista ta' kooperattivi, individwi u negozji li jaħdmu f'dawn is-setturi, inkluż dawk li joperaw f'oqsma bħat-trobbija tal-annimali, il-produzzjoni agrikola (eż. inbid, għasel, frawli), kif ukoll l-agroturiżmu.

**3.19 Cir AKL 2023_045_LESA – Fondi għall-infurzar waqt l-attivitajiet fil-lokal.**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li dan il-fond issa għalaq, u kien hemm total ta' €100,060.82 mitlub bħala rifużjonijiet minn dan il-fond.

**3.20 Attività marbuta ma' attivitajiet tal-Pulizija**

Ir-Reġjun Tramuntana rċieva talba mingħand il-Korp tal-Pulizija ta' Malta sabiex jikkunsidra li jiffinanzja attività ta' involviment komunitarju, li se ssir fil-Bajja ta' San Pawl filgħaxija tat-Tnejn, 7 ta' Lulju 2025, bħala parti mill-attivitajiet tal-Ġimgħa tal-Pulizija 2025.

Il-Korp tal-Pulizija talab kontribuzzjoni finanzjarja bejn €1,500 u €2,000.

Wara diskussjoni, il-membri qablu li r-Reġjun mhux se jipprovdi l-ebda għajnuna finanzjarja rikjesta, peress li din it-talba ġejja minn aġenzija tal-Gvern Ċentrali.

**3.21 Applikazzjoni dwar L-Inċineratur fis-sit tal-Ecohive - Wasteserve**

Saret applikazzjoni ta' EIA (Environmental Impact Assessment) rigward l-incinerator fis-sit tal-Ecohive, li huwa mħaddem minn Wasteserve PA/06096/23. Il-Kunsill Lokali tan-Naxxar kkomissjona konsulenti biex jippreżentaw rappreżentazzjoni dwar it-tħassib tagħhom u l-impatti negattivi li dan l-iżvilupp jista' jkollu fuq il-lokalità.

Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li l-impatti mhumiex limitati għall-lokalità tan-Naxxar biss, iżda għandhom effett usa' fuq lokalitajiet oħra fir-Reġjun. Għalhekk, ġie propost li l-ispiża ta' din is-sottomissjoni għandha titħallas mir-Reġjun. Fuq proponiment tal-Viċi President Dr. Angelo Micallef issekondata mis-Sindku Gabriel Micallef Kien hemm qbil dwar dan.

**3.22 Problema ta' tiġieġ mitluqin**

Ir-Regjun Tramuntana rċieva l-informazzjoni mill-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali li, wara l-aħħar tifqigħa tal-marda Newcastle – virus li jaffettwa l-ispeċi kollha tal-għasafar – is-Servizzi Veterinarji qed jitolbu l-kooperazzjoni tal-kunsilli lokali sabiex jiġu identifikati l-postijiet fejn hemm tigieg slavaġġ fil-lokalitajiet rispettivi tagħhom.
B'hekk qed nitolbu lill-kunsilli lokali jinfurmawna bil-postijiet li għandhom il-problema ta' tiġieġ mitluqin sabiex din l-informazzjoni tintbagħat lid-Direttorat tas-Servizzi Veterinarji b'mod urġenti.

**4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet tal-Kunsilliera f'dan il-punt, iżda l-Kunsillier tal-Mosta Aiken Zerafa qassam lill membri zewġ kopji tal-ktieb bil-

Malti bl-isem ta' Ġawrha Sbejħa ghat tfal sabiex jitqasmu fil-libreriji. Kien hemm kummenti sbieħ ħafna mill-membri dwar il-ktieb prezentat.

## 5. Aġġornamenti u diskussjoni

### 5.1 Aġġornament rigward il-fond Reġjonali – RT 001/2025

Ġie preżentat dokument bl-informazjoni kollha relatata mal-fond tal €27,000 lill kull kunsill lokali fi ħdan ir-reġjun. Il-linji gwida jispjegaw kif il-kunsilli jistgħu japplikaw għal rifużjoni fuq inizjattivi li jsaħħu l-identità lokali, jippromwovu s-sostenibbiltà u jtejbu l-kwalità tal-ħajja. Il-fond jista' jintuża għal proġetti kulturali, ambjentali, sportivi, edukattivi, u oħrajn relatati mal-operat tal-kunsill, iżda mhux għal spejjeż rikorrenti jew xogħlijiet infrastrutturali. Il-proċess jinvolvi approvazzjoni minn qabel, dokumentazzjoni sħiħa, u osservanza ta' linji gwida ta' viżibilità. Il-kunsilli huma mħeġġa jippreżentaw proġetti fil-laqgħat reġjonali u jissottomettu talbiet ta' rifużjoni b'mod regolari.

Il-membri qablu li jirrevedu l-punti msemmija u jibagħtu kwalunkwe suġġeriment jew talba għal emendi qabel il-laqgħa li jmiss tar-Reġjun.

### 5.2 Proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea – Second Life for Waste (SL4W)

Bħala parti mill-proġett Interreg MED, ir-Reġjun flimkien ma' partners oħra mill-Italja applika u ġie magħżul biex iwettaq proġett pilota li għandu l-għan li jnaqqas l-ammont ta' skart goff li jista' jerġa' jintuża, permezz ta' numru ta' miżuri li se jiġu esplorati.

Il-proġett għandu l-għan li skart goff, bħalma hu għamara li tista' terġa' tintuża minflok tintrema, jgħaddi għand ir-Reġjun, li se jqabbad għalliema kwalifikati f'xogħol tal-injam u aspetti oħra relatati, sabiex jgħallmu lil dawk li jixtiequ jitgħallmu s-sengħa tal-mastrudaxxa jew lil dilettanti tad-DIY. Dawn imbagħad ikunu jistgħu jirranġaw l-oġġetti u jgħadduhom lil ħwienet ta' karità jew organizzazzjonijiet li jaħdmu ma' persuni fil-bżonn, sabiex dawn l-oġġetti jingħataw lil min verament jeħtieġhom.

Dan il-proġett ambizzjuż għandu tliet għanijiet ewlenin: Inaqqas l-ammont ta' skart goff; Joffri taħriġ f'sengħat (upskilling) lil dawk li jixtiequ jitgħallmu; Jgħin familji u individwi fil-bżonn billi jipprovdi għamara li tista' tgħinhom fil-ħajja ta' kuljum.

Il-proġett huwa stmat li għandu baġit ta' madwar €300,000 u se jinkludi wkoll aspett ta' kofinanzjament li se jsir "in kind.

### 5.3 Aġġornament – Postijiet ta' impjieg fl-uffiċju amministrattiv ta' Reġjun Tramuntana

Il-President informa lill-membri li l-impjegata tar-Reġjun Tramuntana, is-Sinjura Mary Helen Grima, ġiet appuntata bħala Deputat Reġistratur mid-data tas-16 ta' Mejju 2025, kif ikkonfermat mid-Direttur għall-Gvern Lokali.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li rċevejna talba mingħand żagħżugħ li jixtieq jikkontribwixxi fir-Reġjun billi jaħdem mar-Reġjun matul ix-xhur tas-sajf bejn Lulju u Settembru. Huwa informa wkoll li mid-diviżjoni ħarġet applikazzjoni sabiex studenti interessati jkunu jistgħu jimlewha u jibda l-proċess ta' reklutaġġ. Jekk din is-sejħa tirnexxi, l-istudent ser ikun qiegħed jaħdem 20 siegħa fix-xahar għal €6 is-siegħa għal madwar 11-il ġimgħa, li jibdew mill-1 ta' Lulju. Kien hemm qbil unanimu.

### 5.4 Aġġornament dwar is-Sitwazzjoni tal-Immaniġġjar tal-Iskart fir-Reġjun u Stqarrija Relatata

Is-Sindku ta' San Pawl il-Baħar il-Perit Censu Galea wera d-diżappunt tiegħu dwar is-sitwazzjoni tal-iskart fil-lokalità, li għadha ma rat l-ebda titjib tanġibli. Huwa semma kif qed jinħarġu boroż suwed kull ħin u kull ġurnata, hemm dewmien fil-ġbir, nuqqas ta' kontabilità f'dak li għandu x'jaqsam mat-traċċar tal-vetturi, nuqqas ta' pjan ta' ħidma dettaljat, kif ukoll nuqqas ta' informazzjoni dwar minn fejn jibdew ir-rottot tal-ġbir u n-numru ta' vetturi użati.

Kien hemm qbil li din il-problema mhix limitata biss għal San Pawl il-Baħar, għalkemm l-impatt jinħass b'mod differenti minn lokalità għal oħra. Is-Sindku tal-Mellieħa semma wkoll li l-ġbir tar-riċiklaġġ nhar ta' Ħamis fit-toroq fejn hemm żvilupp kummerċjali qed isir kmieni wisq, minkejja diversi twissijiet, u qed jitħallew boroż griżi fit-triq.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li tlesta studju dwar l-informazzjoni kollha li għandha r-Reġjun, ipprovduta mill-kuntrattur u skont l-obbligi kuntrattwali tiegħu. Dan l-istudju se jitqassam malajr kemm jista' jkun lill-kunsilli lokali kollha.

Intqal ukoll li saret laqgħa mal-Green MT biex jiġu diskussi l-WEEE (iskart elettroniku), fejn is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-problemi li qed jaffaċċjaw il-kunsilli lokali. Matul din il-laqgħa ġew enfasizzati diversi punti, fosthom:

- L-uniku obbligu tal-kunsill lokali huwa li jidentifika siti għal bring-in sites;
- Il-kunsilli m'għandhomx iġarrbu spejjeż relatati ma' dawn is-siti;
- Dawn is-siti għandhom jiġu mnaddfa regolarment mill-PROs mingħajr impatt negattiv fuq il-lokalità.

Ġie diskuss ukoll kif ir-Reġjun u l-PROs jistgħu jikkollaboraw aktar, speċjalment fil-komunikazzjoni u kampanji edukattivi madwar ir-reġjun kollu. Kien hemm qbil mal-Green MT dwar dan.

Intqal ukoll li s-sitwazzjoni għandha titjieb, peress li dawn is-siti rreġistraw tnaqqis ta' madwar 18% fil-ġbir meta mqabbel ma' snin preċedenti. Ġiet ukoll diskussa l-possibbiltà li jiżdied ġbir addizzjonali tal-borża griża.

Minħabba li l-kunsilli lokali qed iħossu nuqqas ta' sapport u komunikazzjoni effettiva, kien hemm qbil li tinħareġ stqarrija għall-istampa biex il-kunsilli jesprimu l-pożizzjoni tagħhom. Dan fid-dawl tal-fatt li diversi aġenziji bħall-ERA ma jidhirx li qed iħossu l-istess sens ta' urġenza li għandhom ir-Reġjun u l-kunsilli lokali biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet fis-sistema tal-ġbir tal-iskart.

**5.5 Xiri ta' Tagħmir u Materjal**

**Kċina tal-uffiċju**

Sar proċess ta' ġbir ta' kwotazzjonijiet sabiex tinbidel il-kċina fl-uffiċċju tar-Reġjun, minħabba ħsarat fil-kċina preżenti kif ukoll sabiex jinkiseb użu aktar effiċjenti tal-ispazju disponibbli. L-irħas offerta, li tinkludi cupboards, hob, sink, mixer, kif ukoll sett ta' cabinets għar-reception, ġiet ippreżentata minn Inventa Design bi spiża ta' madwar €4,000.

Fuq proposta tal-Viċi President Dr. Angelo Micallef, sekondata mis-Sindku Dr. Christopher Deguara, kien hemm qbil unanimu.

**Kompressur**

Minkejja li r-Reġjun għandu diversi għodod li nxtraw fil-passat u li jaħdmu bl-arja – fosthom diversi biċċiet ta' tagħmir – il-kumpressur eżistenti jinsab bil-ħsara. Minkejja diversi tentattivi ta' tiswija, dan ma jistax jiġi rranġat.

Sabiex inkunu nistgħu nużaw il-kwantità kbira ta' għodod li jaħdmu bl-arja, li kienu inxtraw mill-fondi tac-CIF liema proġett ma' ġiex mibdi u tali fondi ġew rifonduti lura lid-divizjoni, qed tiġi ppreżentata proposta biex jinxtara kumpressur ġdid, jew inkella jiġi esplorat l-użu ta' dawn l-għodod billi jiġu mqassma lill-kunsilli li diġà għandhom kumpressur. Dan għaliex, mingħajr kumpressur, dawn l-għodod ma jistgħux jintużaw. Skont il-kwotazzjonijiet miġbura s'issa mingħand diversi fornituri, kumpressur ġdid jiswa madwar €700.

Wara diskussjoni bejn il-membri, ġie maqbul li s-Segretarju Eżekuttiv jelenka lista tal-għodod disponibbli sabiex il-kunsilli jkunu jistgħu jivverifikaw liema għodod għandhom bżonn. B'dan il-mod, l-għodod jistgħu jitqassmu skont

it-talbiet, minflok jibqgħu ma jintużawx fil-garaxx tar-Reġjun. Jekk dawn l-għodod ma jitqasmux, allura jinxtara kumpressur ġdid.

**5.6 Talbiet ta' kotba u pubblikazjonijiet**

Minħabba diversi talbiet għall-għajnuna rigward il-pubblikazzjoni ta' kotba, il-membri qablu li tiġi ppreżentata proposta dwar kif dan ser jitħaddem, sabiex tingħata tali għajnuna u jkun hemm linji gwida ċari dwar il-kwalità, l-ispiża u l-metodu ta' pubblikazzjoni. Jista' jkun ukoll li l-membri jiddeċiedu li tali għajnuna ma tingħatax fuq bażi reġjonali. Dan is-suġġett se jitla' għad-diskussjoni fil-laqgħa li jmiss.

**6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti;**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni, l-iskeda ta' pagamenti Numru 188 għall-perjodu ta' bejn il-29 ta' April 2025 u l-29 ta' Mejju 2025. L-Iskeda msemmija ġiet approvata mill-proponent is-Sindku Paul Vella, issekondata mill-Kunsillier Norbert Dalli. Il-membri qablu unanimament.

**7. Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-sebgħa u nofs (19.30) ta' filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 30 ta' Ġunju 2025 fil-17.30, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta' Reġjun Tramuntana.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Clifford Galea | Bjorn Bonello |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati illum it-Tnejn 30 ta' Ġunju 2025